MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1351/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**3bwin Limited (C-38633)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' erba' mija u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€490.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru (AC 40075509) skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati Dok IZY 1,2 u 3.

Illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset li tigi rapprezentata ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2010 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------